

## Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti tissottometti li l-Qorti Ĝeneralni Ewropea kisret l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (Verżjoni kodifikata) billi ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-kriterji legali li għandhom effett fuq l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, u wkoll billi wettqet żbalji manifesti fl-evalwazzjoni ta' dawn il-kriterji fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża.

Minbarra dan, l-appellanti tissottometti li l-Qorti Ĝeneralni ma applikatx korrettament l-interpretazzjoni relatata mal-kriterji tal-konsumatur medju, li niltaqgħu magħhom fiċ-ċirkustanzi fatt-wali ta' din il-kawża. L-appellanti tissottometti wkoll li l-Qorti tal-Ġustizzja wettqet evalwazzjoni żbaljata tal-karatru distintiv intrinsiku tat-trade marks precedingi Feminatal minkejha li l-appellanti kienet qajmet fir-rikors li l-Bord tal-Appell tal-UASI ma eżaminax din il-kwistjoni b'mod serju u eżawrjenti. L-appellanti hija wkoll tal-fehma li l-Qorti Ĝeneralni wettqet evalwazzjoni mhux preċiża tax-xebħi tas-sinjal mill-aspett viżiv u kunċettwali. Fl-aħħar nett, hija tissottometti li l-Qorti tal-Ġustizzja wettqet evalwazzjoni mhux preċiża tar-riskju li l-konsumaturi medji jiġi persważi jwettqu żball.

Minbarra dan, hija ssostni li l-Qorti Ĝeneralni kisret l-Artikolu 9 tat-TFUE billi applikat kriterji legali oħra f'kawżi li jixxiebhu.

---

### Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Milano (l-Italja) fis-26 ta' Lulju 2012 — Nintendo Co., Ltd et vs PC Box Srl u 9Net Srl

(Kawża C-355/12)

(2012/C 295/41)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Qorti tar-rinviju

Tribunale di Milano

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Nintendo Co., Ltd, Nintendo of America Inc.,  
Nintendo of Europe GmbH

Konvenuti: PC Box Srl u 9Net Srl

#### Domandi preliminari

- (1) L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2001/29/KE<sup>(1)</sup>, eżaminat b'mod partikolari fid-dawl tal-premessa 48 tal-preambolu tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-protezzjoni tal-miżuri teknoloġiċi ta' protezzjoni għal xogħlijiet jew ogħġetti protetti bid-drittijiet tal-awtur tista' tigħi estiżha għal sistema mmanifatturata u kkumerċjalizzata mill-istess impreżja, fliema sistema l-hardware għandu strument li kapaċi jirrikonoxxi, fuq l-apparat separat li fih jinsab ix-xogħol protett (logħba elettronika mmanifatturata mill-istess impreżja kif ukoll minn

terzi, li huma proprijetarji tax-xogħol protett), kodiċi ta' rikonoxximent li mingħajru dan ix-xogħol ma jistax jiġi vviżw-lizz u użat fil-kuntest ta' din is-sistema, li għaldaqstant teskludi, flimkien mal-apparat li jagħmel parti minnha, kull interoperabbilità ma' apparati u prodotti kumplementari li ma humiex ġejjin mill-impreżja li timmanifattura s-sistema stess?

- (2) Meta niġu għall-evalwazzjoni ta' jekk l-użu ta' prodott jew ta' komponent li l-għan tiegħu huwa li jevita l-miżura teknoloġika ta' protezzjoni għandux ikollu prevalenza jew le fuq għanijiet jew użi kummerċjalment rilevanti oħra, l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2001/29/KE, eżaminat b'mod partikolari fid-dawl tal-premessa 48 tal-preambolu tagħha, jista' jiġi interpretat fis-sens li l-qorti nazzjonali għandha tirrikorri għal kriterji ta' evalwazzjoni li jagħtu prominenza lill-użu partikolari assenjat mill-proprietarji tad-drittijiet lill-prodott li fih jinsab il-kontenut protett jew, b'mod alternativ jew b'mod addizzjonal, tirrikorri għal kriterji kwantitattivi bbażati fuq l-importanza tal-użi pparagunati jew għal kriterji kwalitattivi bbażati fuq in-natura u l-importanza tal-użi stess?

---

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Specjalji bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 14, p. 230.

---

### Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Napoli (l-Italja) fil-31 ta' Lulju 2012 — Carratù vs Poste Italiane SpA

(Kawża C-361/12)

(2012/C 295/42)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Qorti tar-rinviju

Tribunale di Napoli

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Carmela Carratù

Konvenuta: Poste Italiane SpA

#### Domandi preliminari

- (1) Il-prinċipju ta' ekwivalenza jipprekludi dispożizzjoni ta' drid nazzjonali li, fl-applikazzjoni tad-Direttiva 1999/70/KE<sup>(1)</sup>, tipprovd għal konsegwenzi ekonomiċi, fil-każ-za' sospenzjoni illegali tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' xogħol, li jinkludi klawżola li tindika t-terminu nulla, differenti u kunsiderevolment agħar meta mqabbla [ma' dawk] fil-każ-za' sospenzjoni illegali tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt tad-dritt ciwilji komuni, li jinkludi klawżola li tindika t-terminu nulla;